**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.M. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Joey Vella ta' 21 sena bin Joseph u Mary Anne Nee Vella li joqghod 'Maple Leaf' Triq Wied Biljun, Qala, Ghawdex.**
**I.D. no. 19318(A)**

Illum 22 ta' Frar, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imputat talli fit-22 ta' Novembru 2000 ghal habta tal-5:00p.m. u f'okkazjonijiet ohra qabel din id-data u anke fil-hin ta' bil-lejl, fl-inhawi taz-Zewwieqa limiti tal-Qala Ghawdex (1) waqt li kien jiehu jew jipprova jiehu (jonsob) xi ghasfur, ghamel uzu minn metodi illegali ta' tehid ta' l-ghasafar, jigifieri mezz elettroniku ta' tisfir ta' ghasafar registrati, dawl u decoys ta' ghasafar, u dan bi ksur tal-Artikolu 13 tal-AL 146 ta' l-1993.

Il-qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita tordna s-sospensjoni tal-licenzja ghat-tehid tal-ghasafar ta' l-imputat ghal zmien kif jidhrilha xieraq, kif ukoll tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

Semghet l-ammisjoni u l-provi;

Fuq ammisjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 13 u 25 ta' l-Att 146 ta' l-1993;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta hamsin lira Maltin (Lm50).

Tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja ghat-tehid tal-ghasafar ghal zmien sitt xhur mill-istagun miftuh li jmiss.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur